# Żieda ta' Kliem u Tifsir

ĊENSU MIFSUD BONNICI twieled ġo Ħal Qormi fl-1871 u miet ta' 58 sena f'Diċembru tal-1929. Meta miet kien deher artikolu fuqu ta' Dun Karm fil-*Malti* (Marzu, 1930), fejn ixxandru wkoll żewġ poeżiji li sabulu mal-karti li ħalla, i.e. *Tantum Ergo* u *Lil Kewkba Feġġa*. Fost ħwejjeġ oħra Dun Karm jikteb: "Dnub, jaħasra li twebbel wisq tard għal biċċa xogħol ta' kbira fejda li kienet tibqa' tifkira u teżor għal ta' wrajna!... Irridu ngħidu l-Vokabolarju Malti li kellu mibdi."

Dan id-dizzjunarju li ħalla Ċensu għadda wara mewtu għal għand ħuh Rikard Mifsud Bonnici, magħruf bl-ittri R.M.B., u li dan l-aħħar silfu lill-Professur G. Aquilina biex jara jekk jistax jiswa għal xi ħaġa. Il-Prof. Aquilina ried li l-materjal jidher fil-*Leħen il-Malti* biex ma jintilefx, u talabni jekk nidħolx jien biex niddeċifra u nittajpja n-noti manuskritti li hemm fil-kopja tad-dizzjunarju ta' Falzon, fejn hemm kien qed inizżel it-tifsir u l-kliem ġdid li Falzon kien ħalla barra. Jiena ma għidtx lè u issa sa jibdew jidhru ftit ftit il-frott tat-tiftix lessikali li kien għamel Ċensu Mifsud Bonnici ma' tul ħajtu, espressjonijiet, għidut, qwiel u tifsir li, jekk mhux ġdid għal kollox mija fil-mija, jiswa ħafna biex jimtela xi ftit ieħor mill-vojt li għad hemm fid-dizzjunarji tal-Malti li għandna.

G. CASSAR PULLICINO.

ABRA TAS-SARWAN—*spilla chiusa*; safety pin.

ABAXX—iżjed baxx.

AĊĊESS—stħarriġa ta' każ mill-maġistrat fuq il-post stess fejn sar.

AĊĊETTA (għemil)—Laqa', ammetta.

AGRU—(qawl tal-mastrudaxxi tal-bastimenti u d-dgħajjes)—Dak li jgħidulu "kument" mastrudaxxi oħra.

AHMEZ—Il-ħarrat lill-baqra biex tersaq mar-radda l-oħra, u hekk irraddiet jiġu mahmużin ma' xulxin.

AJBU—Iva, tajjeb.

AJBU!—Lè, (ma rridx), mhux minnu; "ajbu balla taċ-ċraret".

AKKWATA —naħa, nħawi, dawra ta' art, ta' baħar, ta' ajru, ta' żmien. F'dawn l-akkwati jħobb idur"; "F'dawk l-akkwati ntilef mirkeb"; "f'dawn l-akkwati taqbad xi tajra"; u "għandu tmorru sena jew ma' dawk l-akkwati".

ALLA—"Għal Alla", i.e. għall-imħabba tiegħu; "naħfirlek għal Alla"; —"Alla tal-ħniena" (*good heavens*).

AQSAR—iktar qasir; "l-aqsar tal-qamar" i.e. l-aħħar kwart. "Iżbor u laqqam fl-aqsar tal-qamar".

APPANN—l-ogħla, l-aqwa, l-aqqal; "fl-appann", f'nofs it-triq tagħha, "ix-xemx tkun fl-appann f'nofs in-nhar".

ALLA—Imn'Alla: ġej mis-sema (per divino decreto o per divina provvidenza); "f'Jannar imn'Alla li jofrogħ il-baħar" (per felice combinazione); li saret kif irid is-sewwa, li waslet jew ġiet b'ġid, b'hena tagħna, kif xtaqnieha; "mn'Alla li ltqajt ma' ħabib".

ANNATA—il-kif marret is-sena tal-biedja; "l-annata, jew is-sena tal-biedja tibda dieħla bil-patata tax-xitwa u tispiċċa bil-qoton f'San Martin", "l-annata tispiċċa meta jispiċċaw l-uċuħ għall-Vitorja."

AQQAL—aqwa: "l-aqqal tal-mergħa meta tagħmel iż-żerriegħa".

ALKOVA—daħla ġo kamra bil-ħnejja magħmula biex tqiegħed sodda. (Tal. alcova; Fr. alcove; Sp. alcobe).

ANĊIS—ġebla ta' tieqa li tibqa' tagħmel katina tul il-wisa' ta' ħajt imramma; għareb bi tliet uċuh; kantun fejn il-ħajt ikun doblu li jiġi barra (fejn ikun hemm iċ-ċaċċis). L-anċis ikun wiċċu għal barra; il ġewwa jillu xulliela mwaħħla miegħu li tiswa (din ix-xulliela) biex il-ħajt jagħlaq. L-anċis qisha xulliela f'rasha minġura, titqiegħed ġol-bieb kontra l-katina tal-minġel (għax il-bieb jindamm filata katina, filata anċis); (il-katina tal-minġel tiġi msallba fuq l-anċis). L-anċis b'rasu biss jidher mhux bħall-katina tal-minġel li tilħaq minn tarf sa ieħor. L-anċis ikun għareb rasu mibruxa li jagħmel koxxa ta' bieb jew kantuniera. L-anċis għandu wiċċu mibrux u l-warrani tiegħu lè.

APPIK—bejn siegħa tgħabbix u siegħa sebħ filgħodu, u bejn siegħa dawl tal-punent u siegħa xerq filgħaxija.

ARTAB—frisk; il-ġbejniet rotob jibdew tajba mill-10 (20?) ta' Settembru 'l quddiem.

AMMOZZ—addoċċ; kif ġie ġie, mhux bil-galbu. "Qata' ammozz", qal, igħid li jiġi f'moħħu, jgħid kollox kif jidhirlu (trinciare).

ARRA (jarra)—egħmil li jinstama' fil-għidut "jarraw l-ankri", jiġifieri jħallu, ma jaqbdux mal-qiegħ (the ship's anchor to come home).

ARŻNELL—l-iktar ħuta virġnija. Għala? Jibda jidher għal Frar.

ATTARD—l-akbar u l-aħjar nagħaġ ta' H'Attard.

AVARITA (avarìta)—roqgħa ramel safja maqtugħa u mdawwra bl-alka.

AZZJONI—fejn jidħol il-jedd li tfittex lil dak li jkun għax ikun begħlek bil-għali żżejjed, bħallikieku kemm tiswa darbtejn il-ħaġa.

ARKA—bħal kaxxa tal-għuda miksija bid-deheb minn barra u minn ġewwa. B'żewġ kerubini tad-deheb fuq il-għatu tagħha li bi ġwenħajhom igħattuh kollu. Fil-ġnub kellha bħal ħoloq tad-deheb li ġo fihom igħaddi bħal ħatar biex jerfgħuha bħalma l-lum jerfgħu l-vari, u warajha kienu jqiegħdu kus bil-manna. Ġo fiha kienu jintrefgħu l-ġebliet tal-liġi u għalhekk kienet tissejjaħ l-arka tal-liġi.

AŻŻMA—marda; dieqa tas-sider.

(*Fadal*)